MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 46/2013

A **B**

**vs**

**Avukat Dottor Cedric Mifsud u il-PL Davina Sullivan b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Mejju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 2002 gewwa r-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal;
2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett

serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-istess partijiet li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-kuraturi deputati debitament notifikati ma wiegbux u huma kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat ;

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tal-21 ta' Marzu 2002[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat f'kafetterija fil-Belt Valletta meta kellha biss 19 –il sena u minn hemm bdiet ir-relazzjoni taghhom. Peress li l-intimat li kellu 36 sena kien jahdem fil-bini, l-hin ta' bejniethom kien limitat pero' kienu jiltaqghu darbtejn fil-gimgha. Tghid li wara xahar johorgu flimkien, l-intimat staqsiha biex tizzewgu b'dan li qaltlu li kellha bzonn aktar zmien biex tahsibha peress li ma kienux ilhom johorgu flimkien pero' l-ghada taghtu risposta fl-affermattiv. Tghid li ddecidiet li tghidlu iva ghaliex kien joghgobha fizikament u ghalhekk, anke sforz tal-immaturita' taghha ddecidiet li 'tipprova ghaz-zwieg'. Tghid li l-intimat wieghda li wara z-zwieg kien ser jihodha s-Sirja biex tiltaqa' ma' familtu. Kienet biss oht l-attrici, Diane B li kienet taf b'dan iz-zwieg, tant li zzid tghid li missierha sar jaf lill-intimat wara z-zwieg.

Qabel ma zzewgu, qatt ma tkellmu fuq il-possibilita' li jkollhom l-ulied, b'dan li l-unika pjan li kellhom kien dak li jizzewgu u jitilghu s-Sirja sabiex jaraw il-familja tieghu u xejn aktar. Tghid pero' li l-hsieb kien li t-tnejn jahdmu hawn Malta biex imbaghad ikun hemm perjodi fejn jitilghu s-Sirja u jghinu l-familja tieghu hemm peress li huma fqar.

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process

Maz-zwieg marru jghixu f'appartament mikri pero' l-intimat, b'mod regolari u kwazi kull jum beda johrog ma' shabu b'dan li jiltaqa' maghhom wara x-xoghol. L-attrici tghid li xtaqet li jqattghu aktar hin flimkien pero' kien igib xi skuza jew ohra biex ikun jista' johrog wahdu. Wara biss xahrejn zwieg, l-attrici marret lura d-dar u sabet li l-intimat kien ha l-hwejjeg kollha tieghu u kien telaq mill-appartament. Minn dakinhar, qatt ma regghet ghamlet kuntatt mieghu minkejja li ippruvat iccempillu. Saret taf permezz ta' habib tieghu li siefer, pero' dettalji aktar ma tafx.

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li l-gherusija taghhom damet biss xahrejn filwaqt li z-zwieg taghhom dam l-istess zmien. Tghid li t-tnejn li huma kienu immaturi (minkejja li hu kellu 36 sena) u ma kienux jafu x'inhuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg. Izzid tghid li peress li kienet tilfet lil ommha u missierha kien jahdem barra minn Malta ma kellha lil hadd min jifthilha ghajnejha u jigwidaha. Illum li kibret u mmaturat taghraf l-izball li ghamlet u tirrealizza kemm kienet immatura meta zzewget ragel li lanqas biss kienet tafu.

## Il-Mertu tal-Kaz odjern

Illi il-qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Diane B[2] fejn tikkonferma dak li tixhed l-attrici u cioe' li dan iz-zwieg sehh ta' malajr u li minkejja li hasset li ohtha kienet qed tiehu decizjoni mghaggla, ddecidiet li ma

[2] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 30 tal-process

tindahalx fid-decizjoni taghha. Tikkonferma wkoll li ohtha kienet tghidilha bil-problemi li nqalghu mill-ewwel wara z-zwieg b'dan li l-intimat ma kienx jaghti kasha u kien johrog mal-hbieb u jhalliha wahedha, u wara biss xahrejn, marret id-dar u sabet li kien telaq. Ix-xhud tikkonferma li dan kollu sehh xahrejn biss wara z-zwieg. Taghlaq billi tghid li ohtha kienet immatura meta zzewget u ma kienitx taf x'inhu zwieg.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Charles B[3] fejn jikkonferma li hu sar jaf biz-zwieg ta' bintu wara li kien fil-fatt sar tali zwieg. Jghid li ma tantx kien jaf x'inhu jigri hawn Malta peress li kien jahdem barra fuq ir-rigs taz-zejt. Jghid ukoll li meta sar jaf li bintu kienet izzewget lill-intimat (li ltaqa' mieghu darba biss), xejn ma ha gost ghaliex hass li bintu kienet zbaljat li zzewget ragel barrani li ma kienitx taf u li ma kellu ebda rabta ma' Malta. Fuq kollox jghid li hass li bintu kienet ghadha zghira wisq ghal dan il-pass. Jikkonferma wkoll li l-intimat qabad u telaq mill-appartament b'dan li qatt ma regghu semghu b'ahbaru aktar.

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga,** il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

[3] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 31 tal-process

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment id-decizjoni affrettata u minghajr hsieb li hadet l-attrici (minkejja li tghid li riedet tahsibha meta l-intimat ippropona z-zwieg, pero’ mbaghad qabdet u hadet decizjoni l-ghada) specjalment in vista tal-fatt li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin biss xahrejn, turi kemm l-attrici hadet iz-zwieg bl-aktar mod legger, bhal li kieku kienet ser taghmel xi prova. Dan qieghed jinghad ghaliex fi kliem l-istess attrici, riedet ‘tipprova ghaz-zwieg’ bhal li kieku z-zwieg huwa xi haga li tipprova u jekk ma joghgbokx tarmih. Tali kliem juri l-attitudni u l-hsieb legger fuq iz-zwieg li kellha l-attrici min-naha taghha tant li ma kienet hasbet xejn fuq il-futur kif kellu jkun jew ghall-anqas li jkun hemm xi forma ta’ pjan bejniethom. L-uniku pjan li kellhom kien li jizzewgu u li jmorru s-Sirja jaraw lill-familja tieghu. S’hemm biss waslu. X’riedu minn dan iz-zwieg, jekk riedux ikollhom tfal u kif riedu l-futur taghhom qatt ma ddiskutew.

__**Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg,**__ il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi***

***dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ipprovat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Illi il-qorti tirrileva, li l-unika prova jew ghall-anqas hjiel fuq l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument propizju tal-kunsens hija tar-rikorrenti meta tghid li riedet 'tipprova ghaz-zwieg' pero' minkejja tali dikjarazzjoni, ma tezisti ebda prova li l-kunsens ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet kien vizzjat b'simulazzjoni. Il-qorti mhix konvinta li l-kunsens tar-rikorrenti ( ghax riedet tipprova z-zwieg peress li kienet attratta lejn l-intimat) kien vizzjat b'simulazzjoni, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attrici ma ssemmi xejn dwar x'intenzjoni seta' kellu l-istess intimat. Il-fatt li l-partijiet izzewgu b'mod mghaggel jista' jitfa' dawl fuq zwieg ta' konvenjenza (apparti n-nuqqas ta' diskrezzjoni kif spjegat aktar 'il fuq) pero' il-qorti m'ghandha ebda prova ta' dan, tant li l-attrici lanqas taghmel accenn ghal tali possibilita'. M'hemm ebda indikazzjoni ohra li twassal lil din il-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet b'dan li provizorjament, l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------